

Brussell, 11 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7248/26

STATIS 16  
TRANS 147  
COMPET 312

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Marzu 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL  
dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/974 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 107 final.

Mehmuż: COM(2026) 107 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026  
COM(2026) 107 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/974 dwar statistika ta' trasport ta'  
merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni**

## Werrej

1.	INTRODUZZJONI .....	1
1.1.	Sfond .....	1
1.2.	Kuntest tal-politika .....	2
1.3.	Kopertura tal-Istati Membri u ta' pajjiżi oħra .....	3
2.	SEGWITU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT .....	4
2.1.	Konformità mal-obbligi legali .....	4
2.2.	Metodi għall-għbir tad-data użati mill-Istati Membri .....	5
2.3.	Il-kostijiet u l-piżijiet tal-għbir u tar-rapportar tad-data dwar l-Istati Membri .....	5
2.4.	Validazzjoni u kontrolli tal-kwalità fuq id-data riċevuta .....	6
2.5.	Appoġġ metodoloġiku mill-Eurostat lill-Istati Membri .....	7
2.6.	Kondiviżjoni tad-data .....	8
2.7.	Statistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni .....	9
3.	ŻVILUPPI FUTURI POSSIBBLI FL-ISTATISTIKA DWAR IT-TRASPORT FIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI .....	10
4.	KONKLUŻJONIJIET .....	12

### 1. INTRODUZZJONI

#### 1.1. SFOND

Ir-Regolament (UE) 2018/974 dwar statistika ta' trasport tal-merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni<sup>1</sup> (ir-Regolament) jiżgura data statistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u komprensiva dwar it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni fl-UE. Din id-data tappoġġa lill-ministeri, assoċjazzjonijiet, kumpaniji tat-tbaħħir, l-operaturi li jużaw il-passaġġi fuq l-ilma interni u lill-portijiet tat-trasport tal-merkanzija, u lil dawk li jfasslu l-politika. L-istatistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni tgħin għall-monitoraġġ u l-iżvilupp ta' politiki reġjonali, nazzjonali u trans-Ewropej, tappoġġa l-ippjanar tal-infrastruttura u l-kontroll tat-traffiku, u tipprovdi informazzjoni siewja dwar il-bidla modali għal modi tat-trasport nodfa. Din tkun ukoll sors uniku ta' informazzjoni komuni mal-UE kollha, li jiġbor data dwar il-merkanzija trasportata mill-passaġġi fuq l-ilma interni għal kull pajjiż minflok minn xmajjar individwali.

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif qed jiġi

<sup>1</sup> ĠU L 179, 16.7.2018, p. 14-29. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/974/oj>.

implimentat ir-Regolament u dwar żviluppi futuri possibbli. L-ewwel rapport kellu jsir sal-31 ta' Diċembru 2020<sup>2</sup> u mbagħad isiru aktar rapporti kull ħames snin. Dan hu t-tieni rapport bħal dan.

It-Taqsima 1 ta' dan ir-rapport tispjega l-kuntest tal-politika u l-kopertura tar-Regolament fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra. It-Taqsima 2 tipprovdi segwitu dwar kif ir-Regolament qed jiġi implimentat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni (Eurostat). Din tkopri l-konformità legali, il-metodi tal-ġbir tad-data użati mill-Istati Membri, il-kostijiet u l-piż fuqhom, il-validazzjoni tad-data tal-Eurostat u l-kontrolli tal-kwalità, l-appoġġ metodoloġiku mogħti lill-Istati Membri mill-Eurostat, u informazzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data.

L-aħħar parti tat-Taqsima 2 tiddekrivi l-iżviluppi fl-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. It-Taqsima 3 tiġbor fil-qosor l-iżviluppi futuri potenzjali fl-istatistika tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fuq l-ilma interni, u t-Taqsima 4 tippreżenta l-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport.

## 1.2. KUNTEST TAL-POLITIKA

It-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni hu komponent importanti tas-sistema tat-trasport tal-Ewropa, li tinkludi network li jkopri aktar minn 49 684 kilometru f'20 Stat Membru tal-UE<sup>3</sup>. Meta mqabbel ma' modi oħra tat-trasport, li ħafa drabi jsibu problemi ta' konġestjoni u ta' kapaċità, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni jipprovdi alternattiva aktar affidabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u għandu potenzjal konsiderevoli biex ikattar l-użu tiegħu. Flimkien mal-ferroviji, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni ilu jitqies fost l-aktar mezz effiċjenti fl-emissjonijiet tal-karbonju għat-trasport tal-merkanzija. Għalhekk jitqies kruċjali għall-inizjattivi tal-UE, fosthom għall-oġettivi ta' bidla modali biex jonqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fis-settur tat-trasport<sup>4</sup>. Barra minn hekk, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni jiġġenera inqas emissjonijiet tal-istorbju u jipprovdi livelli għoljin tas-sikurezza, vantaġġ konsiderevoli speċjalment għat-trasport tal-merkanzija perikoluża. Dan itaffi wkoll il-piż fuq in-networks tat-toroq mgħobbija żżejjed f'reġjuni b' densità għolja tal-popolazzjoni<sup>5</sup>.

Minħabba dawn il-preggi, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni jista' potenzjalment ikollu rwol kruċjali fis-sistema tat-trasport tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea tagħraf il-potenzjal konsiderevoli ta' tkabbir tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, u impenjata li ttejjeb il-kompetittività u r-rwol tagħha fin-network tal-loġistika intermodali. Dan l-impenn hu rifless fil-programm ta' azzjoni Ewropew integrat għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni NAIADES III<sup>6</sup>. Il-programm jiffoka l-aktar fuq it-trasferiment ta' aktar merkanzija lejn ix-xmajjar u l-kanali tal-Ewropa u t-tranżizzjoni lejn braken b'emissjonijiet zero sal-2050. Jinkludi wkoll miżuri li jħeġġu l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero u bi skart zero għall-bastimenti u l-portijiet

<sup>2</sup> L-ewwel rapport ġie adottat fit-18 ta' Diċembru 2020 (COM(2020) 821 final).

<sup>3</sup> Il-kalkolu hu bbażat fuq data minn

[https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/iww\\_if\\_infrastr\\_custom\\_16182625/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/iww_if_infrastr_custom_16182625/default/table?lang=en) (disponibbli bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż). It-tul totali tan-network hu bbażat fuq data tal-2023, ħlief għall-Belġju li l-aktar data riċenti tiegħu hija mill-2008.

<sup>4</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0324> (disponibbli bil-Ingliż biss).

<sup>5</sup> [https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/inland-waterways\\_en](https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/inland-waterways_en) (disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE).

<sup>6</sup> [https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/inland-waterways/promotion-inland-waterway-transport/naiades-iii-action-plan\\_mt](https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/inland-waterways/promotion-inland-waterway-transport/naiades-iii-action-plan_mt) (disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE).

interni. Il-programm ta' azzjoni NAIADES III hu allinjat mal-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>7</sup> u mal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti<sup>8</sup>, maħsubin biex iżidu t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra b'25% sal-2030 għal 50% sal-2050.

L-istatistika Ewropea dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni hi essenzjali għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' inizjattivi u politiki permezz tal-programm NAIADES III u programmi oħra tal-UE dwar l-ambjent, it-trasport u s-suq uniku tal-UE. Inizjattivi u politiki bħal dawn jeħtieġu għarfien profund tal-iskala tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-modi kif dan il-mod tat-trasport qed jevolvi maż-żmien.

### **1.3. KOPERTURA TAL-ISTATI MEMBRI U TA' PAJJIŻI OĦRA**

Ir-Regolament japplika direttament fl-intier tiegħu għall-Istati Membri kollha. M'hemmx bżonn jissarraf f'leġiżlazzjoni nazzjonali. Iżda mhux kull Stat Membru għandu trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Għalhekk, l-effett tar-Regolament hu limitat għal dawk fejn hemm dan il-mod tat-trasport.

Għal dawk l-Istati Membri li għandhom trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, ir-Regolament jistabbilixxi limitu li meta jinqabeż, il-pajjiżi huma obbligati jipprovdu d-data. L-obbligu tar-rapportar japplika għall-Istati Membri kollha fejn il-volum totali tal-merkanzija trasportata kull sena minn passaġġi fuq l-ilma interni jaqbeż il-miljun tunnellata. Bħalissa, 11-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja) huma obbligati jipprovdu data għat-tabelli obbligatorji kollha li ġejjin elenkati fl-Annessi I sa IV:

- II: Trasport tal-merkanzija skont it-tip ta' oġġett (data annwali);
- III: Trasport skont in-nazzjonalità tal-bastiment u skont it-tip ta' bastiment (data annwali);
- III1: Trasport tal-kontejners skont it-tip ta' merkanzija (data annwali);
- IV1: Trasport skont in-nazzjonalità tal-bastimenti (data trimestrali);
- IV2: Trasport bil-kontejners skont in-nazzjonalità tal-bastimenti (data trimestrali).

Fost il-pajjiżi obbligati jipprovdu d-data, il-Belġju, l-Ungerija<sup>9</sup> u l-Lussemburgu jipprovdu wkoll data għat-Tabella II2 fakultattiva: It-traffiku tal-bastimenti (data annwali) fl-Anness II tar-Regolament.

Skont ir-Regolament, il-pajjiżi li jaqbeż l-limitu ta' miljun tunnellata iżda li m'għandhom l-ebda traffiku internazzjonali jew ta' tranżitu huma meħtieġa jipprovdu biss Tabella V1 sommarja: it-trasport tal-merkanzija (data annwali), kif stabbilit fl-Anness V tar-Regolament. Bħalissa, din id-dispożizzjoni tapplika biss għall-Iżvezja. Iżda l-Iżvezja tipprovdi volontarjament it-tabelli obbligatorji kollha, mhux biss it-tabella annwali sommarja.

---

<sup>7</sup> COM(2019) 640 final;

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52019DC0640&qid=1758888521529>

<sup>8</sup> COM(2020) 789 final;

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789&qid=1758888687830>

<sup>9</sup> L-ebda data dwar it-traffiku tal-bastimenti ma ġiet irrapportata mill-Ungerija għas-snin ta' referenza 2022, 2023 u 2024.

Ħames Stati Membri addizzjonali b'attività tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni inqas mil-limiti stabbiliti mir-Regolament b'ħalissa jipprovdu data b'mod volontarju: iċ-Ċekja, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja u l-Polonja. Iċ-Ċekja, il-Finlandja u l-Polonja jissottomettu t-tabelli obbligatorji kollha meħtieġa mir-Regolament. Iċ-Ċekja tipprovdi wkoll data annwali dwar it-traffiku tal-bastimenti għat-Tabella II2 fakultattiva. Min-naħa l-oħra, l-Italja u l-Litwanja jipprovdu biss data annwali dwar it-trasport tal-merkanzija għat-Tabella V1 sommarja. Barra mill-UE, is-Serbja, pajjiż kandidat, jipprovdi data għat-Tabella IV1: it-trasport skont in-nazzjonalità tal-bastimenti (data trimestrali) fl-Anness IV tar-Regolament.

Minbarra t-tabelli fir-Regolament, il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni qabel, fi Frar 2007, li jorganizza għbir volontarju tad-data dwar it-trasport tal-merkanzija perikoluża (Tabella A2) u aċċidenti (Tabella A3). F'Ottubru 2013, il-Grupp iddeċieda wkoll li jorganizza għbir volontarju tad-data dwar it-trasport tal-merkanzija skont il-port tat-tagħbija/tal-ħatt (Tabella A4) u dwar it-trasport tal-merkanzija skont it-tip ta' merkanzija (Tabella A5).

Għas-sena ta' referenza 2024, is-sottomissjonijiet volontarji tad-data saru minn diversi pajjiżi f'tabelli differenti kif ġej:

- it-Tabella A2 ġiet irrappurtata minn seba' pajjiżi: iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, u s-Slovakkja;
- it-Tabella A3 ġiet irrappurtata minn ħames pajjiżi: iċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Polonja;
- it-Tabella A4 ġiet irrappurtata minn tmien pajjiżi: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Awstrija, il-Polonja, u r-Rumanija;
- it-Tabella A5 ġiet irrappurtata wkoll minn tmien pajjiżi: il-Bulgarija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, u r-Rumanija.

## **2. SEGWITU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT**

### **2.1. KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI LEGALI**

Il-konformità mal-obbligi tal-forniment tad-data stipulati fir-Regolament hija tajba ħafna. L-Istati Membri kollha pprovdu is-settijiet tad-data meħtieġa, skont il-metodoloġija miftiehma u sal-iskadenzi stabbiliti. Ġie osservat dewmien żgħir fi ftit każijiet biss, iżda dawn ma ħallewx impatt fuq il-produzzjoni tal-istatistika. Il-livell għoli ta' konformità jirriżulta fi statistika affidabbli u ta' kwalità għolja dwar it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

F'termini ta' kunfidenzjalità, ħafna mill-Istati Membri ma jirrapportaw l-ebda kwistjoni. Iżda xi pajjiżi (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija) jiddeżinjaw id-data tagħhom dwar il-port tat-tagħbija u l-port tal-ħatt bħala kunfidenzjali. Din id-data hija rilevanti għal tabella volontarja li mhix fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Barra minn hekk, Franza mmarkat xi data bħala kunfidenzjali mis-sena ta' referenza 2023. Għat-tipi kollha tad-data kunfidenzjali, il-Eurostat japplika regoli u miżuri biex jevita l-iżvelar tagħhom.

## 2.2. METODI GĦALL-ĠBIR TAD-DATA UŻATI MILL-ISTATI MEMBRI

Il-proċessi tal-ġbir u tal-kompilazzjoni tad-data jvarjaw fost il-pajjiżi rapportaturi iżda jsegwu fluss tradizzjonali ta' informazzjoni minn isfel għal fuq. Il-fornituri tad-data jvarjaw ukoll bejn il-pajjiżi, bl-aktar sorsi frekwenti jkunu awtoritajiet tal-port u tal-magħlaq. Il-pajjiżi jikkompletaw id-data tagħhom bl-informazzjoni riċevuta mingħand firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluż uffiċċji doganali, pajjiżi ġirien, operaturi privati, ditti u aġenziji. Il-maġġoranza tal-pajjiżi rapportaturi jużaw ukoll data miksuba mingħand is-sistemi tas-servizz tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) tagħhom jew mingħand sistemi oħra. Barra minn hekk, il-pajjiżi kollha li jirrapportaw qed jużaw direttament jew indirettament data miġbura fil-livell nazzjonali, jew għal finijiet ta' politika jew għall-kondiviżjoni.

Il-maġġoranza tal-awtoritajiet nazzjonali japplikaw kontrolli tal-validazzjoni bi proċeduri tal-kontroll żviluppatti internament qabel ma jibagħtu l-informazzjoni lill-Eurostat. Ir-regoli tal-validazzjoni jkopru ħafna aspetti tal-proċess, inkluż iffommattjar u kodifikazzjoni tad-data. Dawn ikopru wkoll il-konsistenza f'kull sett tad-data, bejn settijiet tad-data u varjabbli differenti, u fis-serje kronoloġika.

Informazzjoni ġenerali dwar il-ġbir u l-kompilazzjoni tad-data hi ppubblikata fil-metadata ta' referenza tal-UE<sup>10</sup> li l-Eurostat jaġġorna regolarment. Informazzjoni speċifika dwar il-metodoloġiji nazzjonali tiġi ppubblikata fil-fajls nazzjonali tal-metadata aġġornati mill-pajjiżi kull sena. Minbarra dan, ir-*Reference Manual on Inland Waterway Transport Statistics*<sup>11</sup> fih kapitlu fuq il-metodoloġiji nazzjonali b'subkapitli fuq is-sorsi tad-data, il-kompilazzjoni, il-validazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data. Il-kapitlu fuq il-metodoloġiji nazzjonali hu bbażat fuq kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri. Dan il-kwestjonarju ġie rivedut u ntbagħat lill-pajjiżi biex jitlestha fl-2025. It-tweġibiet tal-pajjiżi se jiġu inkorporati f'reviżjoni futura tal-manwal ta' referenza.

## 2.3. IL-KOSTIJET U L-PIŻIJET TAL-ĠBIR U TAR-RAPPORTAR TAD-DATA DWAR L-ISTATI MEMBRI

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-maġġoranza tal-pajjiżi rapportaturi jqisu li l-ammont ta' xogħol involut fl-għoti tad-data hu aċċettabbli. Diversi Stati Membri jirrapportaw li l-piż tar-risposta jitqiegħed fuq l-aġenti tat-trasferimenti, il-kaptani tal-bastimenti, l-iskippers, l-amministrazzjonijiet tal-portijiet, l-awtoritajiet tal-portijiet, kaptani reġjonali tal-portijiet, portijiet u postijiet oħra tat-tagħbija, jew partijiet oħra li jinħatru bħala aġenti biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa.

Il-piż amministrattiv jista' jiżjed meta l-iżbalji identifikati jkunu jridu jissewew manwalment jew ikunu jridu jerġgħu jiġu kkuntattjati l-fornituri tad-data. Jista' jkun hemm ukoll piż żejjed involut fil-ġbir tad-data dwar it-trasport ta' tranżitu, li xi drabi jkun jeħtieġ kooperazzjoni

<sup>10</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs\\_esms.htm](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm) (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/documents/29567/3217334/iww\\_reference\\_manual\\_april\\_2023.pdf/95785869-c98a-7f6a-a936-b243bb5ba468](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/29567/3217334/iww_reference_manual_april_2023.pdf/95785869-c98a-7f6a-a936-b243bb5ba468) (disponibbli bl-Ingliż biss).

bilaterali ma' Stati Membri oħra biex jinkisbu d-data jew il-proċeduri ta' imputazzjoni u ta' estrapolazzjoni. B' mod ġenerali, il-kost tal-ġbir u tar-rapportar tad-data mhux meqjus għoli ħafna.

L-Istati Membri li jistgħu jikkwantifikaw il-kost u l-piż tal-ġbir tad-data dwar il-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom jirrapportaw disparitajiet sinifikanti skont il-volum tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-pajjiż u s-sistemi tal-kompilazzjoni tad-data. Iżda r-Regolament stabbilixxa limiti fuq il-kobor tal-attività tat-trasport biex jillimita l-piż tar-rapportar filwaqt li jżomm il-kwalità tal-istatistika.

#### Innaqqsu l-piż u nżidu s-simplifikazzjoni

Il-Eurostat qed jaħdem biex inaqqas il-piż tal-ġbir tad-data u jżomm mezz ta' kuntatt mal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni. B' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, il-Eurostat qed jimplimenta miżuri speċifiċi biex inaqqas il-piż tal-ġbir u r-rapportar tad-data. Dawn jinkludu:

- l-iżvilupp ta' matriċi tad-distanza biex jappoġġa l-kalkolu tal-kejl tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni f' tunnellati-kilometri jew f' passaġġieri-kilometri;
- għodod ġodda ta' validazzjoni żviluppata mill-Eurostat, biex il-pajjiżi rapportaturi jkunu jistgħu jivvalidaw id-data tagħhom qabel ma jibagħtuha uffiċjalment lill-Eurostat (qabel il-validazzjoni) u jirċievu rispons dwar l-erruri għal kull sett tad-data;
- konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, mal-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), mal-pajjiżi kandidati u mal-kandidati potenzjali dwar kwistjonijiet metodoloġiċi u talbiet ġodda (eż. dwar it-trasport tal-passiġġieri), biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż fuq il-produzzjoni tal-istatistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

#### **2.4. VALIDAZZJONI U KONTROLLI TAL-KWALITÀ FUQ ID-DATA RIĊEVUTA**

Il-ġbir u t-trażmissjoni tad-data huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri, iżda il-Eurostat jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura statistika ta' kwalità għolja u jidentifika kwalunkwe erruri jew inkonsistenzi fid-data riċevuta.

Mill-2023 'l hawn, il-Eurostat implimenta sistema tal-IT sofistikata għall-ġestjoni tad-data b' żewġ komponenti mtejba: għodod ġodda għall-validazzjoni tad-data, u software b' saħħtu għas-Sistemi tal-Analiżi tal-Istatistika (SAS) biex jipproċessa, jivverifika l-kwalità u u jippubblika d-data dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-proċeduri tat-trażmissjoni u l-validazzjoni tad-data issa huma standardizzati ħafna. Il-pajjiżi rapportaturi jibagħtu settijiet tad-data lill-Eurostat mill-portal EDAMIS<sup>12</sup> bi struttura kompatibbli mal-istandard tal-Iskambju tad-Data u tal-Metadati tal-Istatistika (SDMX). Imbagħad jiġi applikat proċess sod tal-validazzjoni f' żewġ stadji għas-settijiet tad-data riċevuti.

- L-ewwel, l-għodda STRUVAL (STRUctural VALidation) tivvalida kull sett tad-data mil-lat ta' format, kompletzza tal-entrati obligatorji u korrettezza tal-istruttura u l-kodiċijiet użati.

<sup>12</sup> Is-Sistema tal-Infurmazzjoni Amministrattiva u Maniġerjali tal-Fluss tad-Data Elettronika (EDAMIS). Din hi l-punt tad-dħul uniku għall-iskambju tad-data li juża l-Eurostat: <https://cros.ec.europa.eu/dashboard/edamis>.

- It-tieni, l-għodda CONVAL (CONtent VALidation) tivvalida l-kontenut ta' kull sett tad-data abbażi ta' regoli u limiti predefiniti. Il-validazzjoni bl-għodda CONVAL issir biss ladarba sett tad-data jgħaddi b'suċċess mill-validazzjoni bl-għodda STRUVAL.

Il-pajjiżi rapportaturi jirċievu rapport tal-validazzjoni dettaljat wara kull pass tal-validazzjoni li jagħmilha faċli biex jissewew l-erruri. Il-Eurostat qed jaġġorna regolarment ir-regoli tal-validazzjoni applikati biex jissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu u jiżgura li tiġi ġġenerata statistika ta' kwalità għolja.

Ladarba d-data tiddaħħal fil-bażi tad-data tal-produzzjoni tal-SAS tal-Eurostat, jiġu applikati kontrolli dettaljati tal-kwalità għad-data. Dawn il-kontrolli jikkonċernaw il-konsistenza tas-serje kronoloġika, il-konsistenza fi ħdan is-settijiet tad-data trimestrali u annwali, u t-tqabbil tar-riżultati bejn il-pajjiżi sħab rapportaturi (kontrolli mera).

B'mod ġenerali, il-kwalità tad-data mibgħuta hija tajba. Iżda għad hemm bżonn sforzi li jnaqqsu l-assimetriji identifikati mill-kontrolli mera u li jittejjeb ir-rapportar tad-data dwar it-trasport ta' tranżitu fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

## 2.5. APPOĠĠ METODOLOĠIKU MILL-EUROSTAT LILL-ISTATI MEMBRI

Il-Eurostat jipprovdi appoġġ metodoloġiku u tekniku kontinwu lill-pajjiżi rapportaturi biex jimplementaw ir-Regolament bi sforz ħalli tinżamm data u metadata ta' kwalità għolja.

Il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni jipprovdu opportunità lill-Istati Membri, lill-pajjiżi taż-Żona Ewropea ta' Kummerċ Ħieles, lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali biex jiddiskutu l-kwalità tad-data, kwistjonijiet metodoloġiċi u proġetti ġodda. L-implimentazzjoni tar-Regolament hi wkoll punt permanenti fl-aġenda fil-laqgħat annwali tal-Grupp ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport.

Minbarra dan, il-*Manual on Inland Waterway Transport Statistics* tal-Eurostat jipprovdi gwida dettaljata lill-pajjiżi rapportaturi dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-manwal ta' referenza jiġi aġġornat regolarment (normalment kull sena) biex jinkludi l-aktar informazzjoni, dokumentazzjoni u linji gwida riċenti li jkunu rilevanti għall-għbir tal-istatistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilmijiet interni.

Il-*Glossary for transport statistics*<sup>13</sup>, maħluq b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Forum Internazzjonali tat-Trasport, saritlu reviżjoni sinifikanti. Il-glossarju hu maħsub biex jistandardizza d-definizzjonijiet tal-istatistika tat-trasport fil-livell Ewropew u internazzjonali. Il-glossarju rivedut se jinkludi taqsima aġġornata u mtejba dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'definizzjonijiet li jirriflettu lil dawk fir-Regolament u b'definizzjonijiet ġodda relatati mat-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-glossarju rivedut hu skedat li jiġi ppubblikat fil-bidu tal-2026.

<sup>13</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2785/675927> (Disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

## 2.6. KONDIVIŻJONI TAD-DATA

### Il-bażi tad-data online tal-Eurostat

Il-Eurostat jippubblika d-data miġbura skont ir-Regolament fiq il-bażi tad-data online tiegħu, li hija aċċessibbli bla ħlas mis-sit web tal-Eurostat<sup>14</sup>. Il-bażi tad-data fiha 17-il tabella dwar it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi tal-ilma interni, li jiġu aġġornati regolarment u kkomplementati b'fajls dettaljati ta' metadata Ewropea u nazzjonali.

### Kondiviżjoni tal-prodotti

Il-Eurostat jipproduċi l-erba' artikli li ġejjin ta' *Statistics Explained* dwar it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Dawn l-artikli jipprovdu ħarsa ġenerali lill-midja u lill-pubbliku ġenerali lejn l-aktar żviluppi importanti f'dan il-mod tat-trasport u analiżi tad-data miġbura skont ir-Regolament.

1. *It-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni – data trimestrali u annwali*<sup>15</sup>
2. *Statistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni skont il-kategorija tal-prodott*<sup>16</sup>
3. *Il-passaġġi fuq l-ilma interni – statistika dwar it-trasport tal-kontejners*<sup>17</sup>
4. *It-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell reġjonali*<sup>18</sup>

Dawn l-artikli jiġu aġġornati kull sena malli jiġi finalizzat il-ġbir tad-data għal sena ta' referenza partikolari.

### Mezzi oħra tal-kondiviżjoni

Id-data dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni hija kondiviża wkoll b'artikli tal-aħbarijiet mill-Eurostat (eż. *Fl-2023 jerġa' jonqos it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni*)<sup>19</sup> u b'pubblikazzjonijiet oħra tal-Eurostat, bħal *Ċifri ewlenin dwar it-trasport Ewropew*<sup>20</sup> u *Ċifri ewlenin dwar l-Ewropa*<sup>21</sup>. Id-data titqassam ukoll f'pubblikazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport (eż. fil-ktejjeb tiegħu *Statistical pocketbook*<sup>22</sup>).

Id-data dwar it-trasport tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni tiddaħħal ukoll fl-hekk imsejjaħ Rapport tal-Monitoraġġ tal-Iżvilupp Sostenibbli<sup>23</sup> li josserva l-progress fl-oġettiv ta' politika tal-UE li l-merkanzija tiġi trasferita mit-triq lejn il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. L-indikatur rilevanti f'dak ir-rapport janalizza l-iżvilupp fl-immedjat u fit-tul fil-proporzjon tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni meta mqabbel mat-trasport totali tal-merkanzija fil-passaġġi fuq l-ilma interni f'tunnellati-kilometri.

<sup>14</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/web/transport/information-data/inland-waterways-transport> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

<sup>15</sup> [Inland waterway freight transport - quarterly and annual data](#) (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>16</sup> [Inland waterway transport statistics by product category](#) (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>17</sup> [Inland waterways - statistics on container transport](#) (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>18</sup> [Inland waterway freight transport at regional level](#) (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>19</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-eurostat-news/w/ddn-20240920-1> (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>20</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2785/9777356> (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>21</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2785/318624> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

<sup>22</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2832/16593> (disponibbli bl-Ingliż biss).

<sup>23</sup> <https://data.europa.eu/doi/10.2785/98370> (disponibbli bl-Ingliż biss).

Il-Eurostat joffri wkoll estrazzjonijiet tad-data personalizzati meta jintalab mill-utenti. Id-data kollha inkluża fl-estrazzjonijiet u fil-pubblikazzjonijiet personalizzati tiġi ppubblikata wkoll fil-bażi tad-data online tal-Eurostat.

## 2.7. STATISTIKA DWAR IT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI FIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

Minkejja li t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni hu settur żgħir, is-segment tat-trasport tal-passiġġieri tiegħu qed jikber malajr. Għalhekk, id-data dwar l-attività u l-iżvilupp ekonomiku tagħha hija essenzjali għall-osservazzjoni tas-suq u għall-iżvilupp tal-politika.

Bħalissa, ir-Regolament ma jeżiġix il-ġbir ta' statistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Iżda l-Artikolu 5 tar-Regolament jeżiġi li l-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tinvestiga l-iżvilupp tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż fil-każ ta' servizzi tat-trasport transfruntieri.

Skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5, fl-2018 il-Eurostat u l-Istati Membri żviluppaw abbozz ta' metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, li jridu jużaw l-Istati Membri fl-istudji pilota. Fl-2019, il-Eurostat ikkofinanzja lil seba' Stati Membri (il-Ġermanja, il-Kroazja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja) biex iwettqu studji pilota b'żewġ moduli: statistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni (modulu 1); u statistika dwar l-inċidenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni (modulu 2). Fl-2020, il-Eurostat wettaq ukoll sħarriġ fl-Istati Membri kollha kkonċernati għal statistika tat-trasport tal-passiġġieri biex jikkomplementa l-osservazzjonijiet li saru fis-seba' studji pilota.

Fi Frar 2021, il-Kummissjoni adottat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<sup>24</sup> li jippreżenta r-risultati tal-istudji pilota u l-istħarriġ tal-2020 dwar l-istatistika tat-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Ir-rapport iffoka fuq il-fattibbiltà ta' ġbir tad-data ġdida, il-kwalità tad-data statistika, il-metodoloġija relatata, u l-kostijiet u l-piżijiet għall-Istati Membri. Ir-rapport ikkonkluda li l-istudji pilota kienu investigaw bir-reqqa l-fattibbiltà ta' ġbir tad-data dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, u wera li fis-seba' pajjiżi parteċipanti jkun fattibbli li tinġabar tali data sa ċertu punt. Iżda r-rapport ikkonkluda wkoll li l-ħtieġa ta' data trid tiġi bbilanċjata skont id-disponibbiltà tal-informazzjoni u l-piż fuq ir-rispondenti.

L-eżitu tal-istudji pilota ġie ppreżentat f'Ottubru 2021 waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni. Wara din il-laqgħa, il-Eurostat nieda konsultazzjoni mal-Istati Membri biex il-metodoloġija proposta tiġi adattata skont l-osservazzjonijiet tal-istudji pilota u skont osservazzjonijiet oħra mill-pajjiżi. L-eżitu ta' din il-konsultazzjoni wassal għal simplifikazzjoni tas-settijiet tad-data proposti dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni biex jonqos il-piż minn fuq ir-rispondenti. Verżjoni riveduta tal-abbozz tal-metodoloġija ġiet diskussa waqt it-tieni konsultazzjoni mal-pajjiżi f'Mejju 2022. Din il-konsultazzjoni kkonkludiet id-diskussjonijiet dwar il-metodoloġija proposta, u

<sup>24</sup> Rapport tat-12.2.2021 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-risultati tal-istudji pilota li għamlu l-Istati Membri fir-rigward tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/974, COM(2021) 59 final; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0059>.

b'hekk setgħu jiġu inklużi erba' settijiet tad-data dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

- **Sett tad-data 1:** l-għadd ta' passiġġieri, minbarra l-passiġġieri tal-kruċieri fuq ix-xmajjar, trasportati skont ir-reġjun tal-imbark, ir-reġjun tal-iżbark u t-tip ta' vjaġġ (sett tad-data annwali).
- **Sett tad-data 2:** kruċieri fuq ix-xmajjar – l-għadd ta' passiġġieri skont ir-reġjun tal-imbark (sett tad-data annwali).
- **Sett tad-data 3:** kruċieri fuq ix-xmajjar – l-għadd ta' vjaġġi li jibdew il-vjaġġ tagħhom fil-pajjiż rapportatur (sett tad-data annwali).
- **Sett tad-data 4:** l-għadd ta' bastimenti rreġistrati f'pajjiż (kemm jekk ikunu qed jinnavigaw fir-rotot tal-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom kif ukoll jekk le) skont it-tip ta' akkomodazzjoni, il-kapaċità tal-bastiment u l-età tal-bastiment (sett tad-data miġbur kull sentejn).

Biex terġa' tiġi ttestjata l-metodoloġija maqbula, il-Eurostat ikkofinanzja proġetti pilota dwar il-ġbir tad-data għat-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni permezz tas-sejħa tiegħu tal-2022 għal proposti (għotjiet). Fl-2023 ġew sottomessi u kofinanzjati erba' proposti. L-eżitu ta' dawn il-proġetti ġie ppreżentat waqt il-laqgħa tal-2025 tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni.

Bis-saħħa ta' dawn ir-riżultati tal-proġett, se tkun tista' tiġi rfinata l-metodoloġija tat-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni skont kif ikun meħtieġ. Il-Eurostat iffinalizza l-metodoloġija f'Diċembru 2025. Bħala l-pass li jmiss, se jistabbilixxi għbir regolari volontarju tad-data biex jivvaluta r-robustezza tal-metodoloġija fit-tul u l-effikaċja tal-Istati Membri biex jipproduċu s-settijiet tad-data mixtieqa. L-ewwel għbir volontarju tad-data hu ppjanat għall-2026 li jkopri s-sena ta' referenza 2025.

Il-progress f'dan id-dominju hu ppreżentat u diskuss regolarment fid-DIMESA, fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni – Direttori tal-Istatistika u tal-Kontijiet Settorjali u Ambjentali<sup>25</sup>.

### **3. ŻVILUPPI FUTURI POSSIBBLI FL-ISTATISTIKA DWAR IT-TRASPORT FIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI**

L-istatistika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni għandha rwol kruċjali fl-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-miri ta' politika. Bħalissa din qed tinkiseb billi tingħata data dwar il-volumi tal-merkanzija trasportata, l-għadd u t-traffiku tal-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni, l-infrastruttura fil-passaġġi fuq l-ilma interni, u n-nefqa għal investimenti u manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Id-data dwar it-tagħmir, l-infrastruttura u n-nefqa tinġabar b'mod volontarju, mhux skont ir-Regolament iżda permezz tal-*Kwestjonarju Komuni tal-Eurostat / ITF / UNECE dwar l-istatistika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni*. Il-ġbir tad-data jipprovdi indikaturi dwar aspetti varji, bħal:

- it-tul tan-network navigabbli fil-passaġġi fuq l-ilma interni;

<sup>25</sup> <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?groupID=1528&lang=mt>

- l-għadd ta' bastimenti tal-merkanzija skont it-tip, is-sena tal-kostruzzjoni u l-kapaċità tat-tagħbija;
- il-livell tan-nefqa għal investimenti u manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Barra minn hekk, il-Eurostat qed ifittex modi kif jgħin lill-pajjiżi jirrapportaw l-istatistika kurrenti. F'dan il-kuntest, żvilupp wieħed li ssemma' mill-Istati Membri hu l-appoġġ tal-Eurostat fil-għbir tad-data dwar it-tranżitu abbażi ta' matriċi tad-distanza fil-livell minn port għal port. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa matriċi tad-distanza bħal din biex tgħin ħalli jonqos il-piż assoċjat mal-għbir tad-data. Bl-użu tal-matriċi tad-distanza, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu d-distanza totali minn port għal port f'distanzi individwali skont il-vjaġġ f'kull wieħed mill-pajjiżi li jgħaddu minnu tul il-vjaġġ. L-iżvilupp ulterjuri tal-matriċi tad-distanza jiddependi l-aktar fuq l-identifikazzjoni preċiża tal-pożizzjoni ġeografika ta' kull port. Il-matriċi tad-distanza se tiffaċilita wkoll il-kalkolu mill-Eurostat tal-indikaturi tat-tqassim modali. Iżda għal dan il-għan, l-Istati Membri huma mħeġġin jipprovdu data dwar il-volumi tal-merkanzija skont il-port tat-tagħbija/tal-ħatt, minkejja li din hi volontarja.

Id-data dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni ta' spiss titqabbel mad-data għal modi oħra tat-trasport, biex jiġi vvalutat it-tqassim modali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni skont it-tip ta' merkanzija biex jagħtu spinta lill-komparabbiltà ma' modi oħra tat-trasport, b'mod partikolari dak marittimu u tat-triq.

Barra minn hekk, il-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom il-potenzjal li jkollhom sehem akbar fit-trasport tal-passiġġieri, bħala komponent essenzjali tal-mobbiltà sostenibbli. Filwaqt li għaraf dan il-potenzjal, il-Eurostat għamel progress ġmielu fl-iżvilupp ta' metodoloġija għall-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni u billi appoġġa proġetti pilota rilevanti mmexxija mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika. Kif deskritt fit-Taqsima 2, il-Eurostat qed jippjana li jirfina l-metodoloġija rilevanti u li jikkollabora mal-Istati Membri biex jistabbilixxi għbir volontarju u regolari tad-data. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tkompli tevalwa r-robustezza tal-metodoloġija.

Il-Eurostat qed jippjana wkoll li jkompli jiżviluppa l-istatistika tiegħu dwar l-inċidenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Fl-2026, abbażi tas-sejbiet tal-istudji pilota tal-2019, il-Eurostat se jniedi konsultazzjoni bil-miktub mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni dwar il-fattibbiltà ta' settijiet tad-data volontarji b'varjabbli u dimensjonijiet apparti dawk imqassma bħalissa, bħall-grad ta' serjeta' ta' aċċident, it-tip ta' aċċident, it-tip ta' bastiment involut, u l-għadd ta' persuni maqtula jew midruba.

Billi hemm domanda dejjem akbar għal informazzjoni dwar l-aspetti ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-karatteristiċi tal-bastimenti bħat-tip ta' fjuwil, il-Eurostat se jiddiskuti mal-Istati Membri l-possibbiltà li jintroduċu varjabbli rilevanti abbażi ta' informazzjoni mingħand sorsi amministrattivi.

Ir-Regolament (UE) 2024/3018 jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea<sup>26</sup>. Dan jipprevedi li l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra

<sup>26</sup> ĠU L, 2024/3018, 6.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3018/oj>.

jistgħu jaċċessaw u jużaw data amministrattiva mingħajr ħlas, fil-ħin u bi frekwenza suffiċjenti, għall-produzzjoni u l-kondiviżjoni tal-istatistika Ewropea.

F'dan il-kuntest, il-Eurostat se jiddiskuti mal-Istati Membri l-possibbiltà li tintuża data amministrattiva mis-sistema RIS għal finijiet statistiċi. Din is-sistema tipprovdi servizzi armonizzati tal-informazzjoni li jappoġġaw il-ġestjoni tat-traffiku u tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-Eurostat se jinvestiga l-possibbiltà li d-data RIS dwar it-traffiku tal-bastimenti tintuża għal raġunijiet ta' statistika; tali data tinkludi informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tal-bastimenti skont l-istandards tal-monitoraġġ u tat-traċċar tal-bastimenti RIS.

Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/1629 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni<sup>27</sup> tapplika kundizzjonijiet komuni għall-ħruġ ta' ċertifikati tan-navigazzjoni interna għall-bastimenti fl-UE. Biex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, inħolqot bażi tad-data apposta – il-European Hull Database – biex fiha tinżamm data li tidentifika lill-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni, data dwar ċerti karatteristiċi, u ċertifikati tal-bastimenti. Il-Eurostat se jesplora l-possibbiltà li tinkiseb data amministrattiva minn din il-bażi tad-data għal finijiet statistiċi, biex ikompli jitnaqqas il-piż tal-ġbir tad-data minn fuq l-Istati Membri.

Il-kopertura ġeografika tal-istatistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni tista' tiġi estiża wkoll biex tkun tinkludi lil pajjiżi ġodda jekk fil-futur ikun hemm tkabbir tal-UE. Diversi pajjiżi kandidati għal sħubija fl-Unjoni Ewropea bħalissa qed iwettqu inizjattivi pilota għall-ġbir ta' data dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Dawn l-inizjattivi ġew iffinanzjati mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Is-sejbiet ta' dawn il-proġetti pilota huma mistennija jkunu magħrufa fl-2026 u fl-2027. Il-Eurostat qed jappoġġa b'mod kostanti l-isforzi u l-progress futur tal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali fejn jidħol il-konformità tagħhom mar-Regolament, billi jiddiskuti kwistjonijiet metodoloġiċi, il-kwalità tad-data, it-trażmissjoni tad-data u l-proċessi tal-validazzjoni.

#### **4. KONKLUŻJONIJIET**

L-esperjenza u r-riżultati miksuba bl-implimentazzjoni tar-Regolament jibqgħu pożittivi. L-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tal-ġhotti tad-data, u r-riżorsi allokatu fil-livell tal-Eurostat u fil-livell nazzjonali huma suffiċjenti biex jiżguraw riżultati ta' kwalità għolja.

Il-Eurostat jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jappoġġa u jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament u jhegġegħ lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali biex jiksbu u jiġbru statistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-Eurostat immodernizza s-sistema tal-IT tiegħu għall-validazzjoni u l-ipproċessar tad-data dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, u b'hekk tejjeb il-kwalità ta' dik id-data u ffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika tat-Trasport fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni jibqa' l-korp li fih jiġu diskussi l-implimentazzjoni tar-Regolament u t-titjib potenzjali tiegħu. Biex jevita li jiġu imposti piżijiet addizzjonali fuq l-Istati Membri, il-Eurostat bħalissa mhux qed jikkunsidra l-introduzzjoni ta' aktar ġbir tad-data obligatorju. Minflok, il-Eurostat qed jippjana

<sup>27</sup> ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118-176, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1629/oj>.

li jistabbilixxi għbir volontarju u regolari tad-data dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Żviluppi futuri oħra se jinkludu l-irkupru potenzjali ta' data amministrattiva, u l-finalizzazzjoni tal-matriċi tad-distanza fil-livell minn port għal port.

L-istatistika dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni tiġi ppubblikata fuq il-bażi tad-data online tal-Eurostat, fl-artikli statistiċi u fl-aħbarijiet u f'pubblikazzjonijiet oħra tal-Kummissjoni. Din l-istatistika hija siewja għall-Istati Membri, għal dawk li jfasslu l-politika, għall-organizzazzjonijiet settorjali u għall-kummissjonijiet tax-xmajjar għax tgħinhom ifasslu u jivvalutaw il-politiki għal trasport sostenibbli, nadif u sikur.

Ir-Regolament jgħin b'mod effiċjenti u effettiv biex tiġi ġġenerata statistika affidabbli u armonizzata dwar it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livelli tal-UE u nazzjonali, li tappoġġa lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tal-kompetittività u l-integrazzjoni intermodali tal-loġistika għat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni.